MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 1018/2012

**Bank of Valletta p.l.c. [C 2833]**

**Vs**

1. **Molinair Limited [C 18010] u**
2. **Mario u Juliette Camenzuli [I.D. 767159 M] u [I.D. 167461 M]**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Ottubru 2012, il-bank attur ippremetta u talab:-

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti, wiehed minnhom datat 17 ta' Lulju 1995 (Dok. "A"), iehor datat 28 ta' Frar 1997 (Dok. "B"), iehor datat 28 ta' Mejju 1998 (Dok. "C") u iehor datat 16 t'Ottubru 2000 (Dok. "D") maghmula fl-*

*atti tan-Nutar John Gambin, is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Molinair Limited;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Molinair Limited fis-somma ta' tmienja u hamsin elf, disa' mija u sitta u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (€58,956.86) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Molinair Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E19" u Dok. "F1 sa F15") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 t'Awwissu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta' f'erba' kuntratti, wiehed minnhom datat 17 ta' Lulju 1995 (Dok. "A"), iehor datat 28 ta' Frar 1997 (Dok. "B"), iehor datat 28 ta' Mejju 1998 (Dok. "C") u iehor datat 16 t'Ottubru 2000 (Dok. "D") maghmula fl-atti tan-Nutar John Gambin, u permezz ta' skrittura privata datata 2 ta' Mejju 2001 (Dok. "G") il-konvenuti Mario u Juliette mizzewgin Camenzuli iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Molinair Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess Molinair Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 23 ta' Frar 2001 li kopji taghhom qed jigu hawn ezebiti u mmarkati Dok. "H" u "I", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, il-bank attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tikkundanna lis-socjeta' Molinair Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u hamsin elf, disa' mija u sitta u hamsin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€58,956.86) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Molinair Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E19" u Dok. "F1 sa F15") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 t'Awwissu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament, u*

*2. Tikkundanna lil Mario u Juliette mizzewgin Camenzuli jhallsu flimkien u "in solidum" lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u hamsin elf, disa' mija u sitta u hamsin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€58,956.86), bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" tas-socjeta' Molinair Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E19" u Dok. "F1 sa F15") flimkien ma' l-imghax ulterjuri 28 t'Awwissu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 23 ta' Frar 2011 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-31 ta' Dicembru 2012, il-konvenuta Juliette Camenzuli wiegbet:-

*1. Illi in linea preliminari, jispetta lill-Bank attur tipprova illi s-somma reklamata hija tassew dovuta, u partikolarment billi l-bank attur jressaq prova illi l-imghaxijiet ghall-perjodu li jsegwi l-kuntratti ezebiti u gew effettivament kalkolati bil-mod stabbilit mil-Ligi u minn dak pattwit ukoll f'sanction letters;*

*2. Illi l-eccipjenti tissottometti reverentement illi l-Bank attur ghandu jispjega x'sar mill-garanziji moghtija lilu minn Charles Fenech u martu Monica Fenech sabiex jizguraw l-istess debitu, u dan billi jistghu jezistu c-cirkostanzi mahsuba fil-Ligi u fil-gurisprudenza sabiex l-eccipjenti tigi liberata mill-garanzija moghtija minnha;*

*3. Illi l-eccipjenti tissottometti reverentement illi l-Bank attur ghandu jispjega ghaliex ippermetta lis-socjeta' konvenuta Molinair Limited – gestita mill-konvenut zewgha illi mieghu l-eccipjenti ghandha kawza ta' separazzjoni – illi thalli zewg kont bankarji inattivi u jakkumulaw l-imghaxijiet ghal diversi snin minghajr ma pproceda tempestivament, kif kellu jaghmel kreditur in bona fede, sabiex ukoll jitharsu d-drittijiet tal-garanti;*

*4. Illi l-eccipjenti kienet priva minn informazzjoni dwar dawn il-kontijiet bankarji u ghalhekk tirriserva li tressaq eccezzjonijiet ohra hekk kif il-fatti kollha illi jirrigwardaw l-ghoti tal-facilitajiet meritu tal-kawza u operazzjoni ta' dawn il-facilitajiet jirrizultaw mill-provi illi jitressqu f'din il-kawza.*

Semghet il-provi u rat l-atti.

**Ikkunsidrat**:

Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, **Rose Cortis**, Ufficcjal tal-Bank of Valletta p.l.c., prodotta mill-istess bank attur, xhedet is-segwenti:

*Illi hi kkonfermat illi ma sar l-ebda pagament mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat. Ikkonfermat li d-debitur principali hi l-kumpannija Molinair Limited, filwaqt li l-konjugi Camenzuli huma garanti u illi dan il-kaz jitratta dwar zewg overdrafts.*

Fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Novembru 2013, **Joseph Grixti**, prodott mill-bank attur, *Relationship Manager* ma' l-istess bank, xehed li:

*Il-bank baghat ittra, datata 8 ta' Novembru 2005, sabiex jigu rilaxxati tnejn mill-garanti u cioe' Fenech, bil-patt u kundizzjoni li jsir depozitu. Din l-ittra hija ffirmata minn Raymond Pace. Joseph Grixti ikkonferma li fit-28 ta' Novembru 2005 fil-kont ta' Molinair Limited giet depozitata s-somma ta' ta' Lm24,763.49c.*

Fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Novembru 2013, il-konvenut **Mario Camenzuli**, xehed li:

*Id-depozitu ta' Lm24,763.49 ma kienx sar minnu izda mill-garanti l-iehor, Charles Fenech li kien direttur ta' Molinair Limited.*

Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014, il-konvenuta **Juliette Camenzuli** xehedet li:

*Kienet takkumpanja lil zewgha l-bank meta kien ikun hemm bzonn xi firem. Qalet li tiftakar li marret meta kienu fethu l-kumpannija. Ikkonfermat illi tiftakar li bdew jaqrawlha dokument li ma tafx x'kien. Taf li nies kienu erbgha b'kollox; hi, zewgha u n-nies l-ohrajn involuti fil-kumpannija. Ziedet illi dakinhar tal-laqgha ffirmat u li taf illi hi u zewgha kienu ghamlu tajjeb ghal din il-facilita' li nghatat mill-bank. Camenzuli tikkonferma l-firma taghha a fol 10, 16, 22, 26, 32, 67 u 119 tal-process.*

Fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Gunju 2014, **Raymond Pace**, prodott mill-konvenuta Juliette Camenzuli, bhala Executive Head fit-taqsima tar-recoveries, xehed li:

*Kien Kap tal-Imsida Business Centre meta kellu x'jaqsam mal-kumpannija Molinair Limited u jaf li fiha zewg azzjonisti. Spjega li l-konjugi Fenech kienu garanti tal-kumpannija flimkien mal-konjugi Camenzuli. Fenech kienu ghamlu pagament u ma baqghux garanti ghad-dejn tal-kumpanija. Sa fejn jiftakar kien hemm overdraft u loan account u l-facilitajiet kellhom jithallsu minn bejgh ta' proprjeta'. Sa Settembru 2007 kienu qeghdin isiru pagamenti fix-xahar. Ix-xhud ipprezenta sanction letter datata 8 ta' Novembru 2005 li jirreferi ghaz-zewg accounts, dokument li qal li nhareg wara li l-konjugi Fenech hargu mix-xena.*

*Fil-5 ta' Settembru 2007 kitbu lil Molinair Limited u lill-garanti Camenzuli fejn qalulhom li l-bilanc kellu jithallas sal-31 ta' Mejju 2008 mill-bejgh tal-propjeta'. Pace jghid li huwa cert li Camenzuli kien kelmu u li martu kienet inghatat kopja tal-istatement of account u tas-sanction letter.*

Fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2014, **Raymond Pace**, in kontro-ezami, xehed:

*Li wara li ghamel verifiki Camenzuli kien tah bhal management accounts fejn dawn kellhom fihom il-forecast turnover li kellhom taghrif dwar a.c. repairs u prodotti ta' Herbal Life. Zied li Camenzuli kien qallu illi kien qiegħed igib prodotti tal-Herbal Life u li l-posizzjoni tal-kumpannija kienet ser tigi 'il quddiem. Fit-3 ta' Ottubru 2006 kien talab lil Mr Camenzuli sabiex jaghtihom audited accounts tal-kumpannija.*

**Prova li d-debitu jezisti u li l-imghax gie kkalkolat skond il-ligi u kif pattwit *f'sanction letters*.**

Il-prova li jezisti l-kreditu jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Rose Cortis. Ghal dak li jikkoncerna l-imghax, m'huwiex bizzejjed li l-konvenuta tghid li l-bank ghandu jaghti provi li *"..... l-imghaxijiet ghall-perjodu li jsegwi l-kuntratti ezebiti, gew effettivament kalkolati bil-mod stabbilit mil-Ligi u minn dak pattwit ukoll f'sanction letters"*. L-ammont li qieghed jitlob il-bank hu kapital. Il-konvenuta ma offriet l-ebda hjiel li gie kkalkolat imghax iktar milli tippermetti l-ligi jew iktar mir-rati ta' imghax dikjarati fis-sanction letters. Jekk ma taqbilx mal-ammont li qieghed jigi reklamat, kellha d-dmir li tiddikjara ghal x'hiex qeghda talludi u mhux semplicement taddotta rwol passiv.

**<u>Garanzija ta' Charles u Monica konjugi Fenech</u>**.

Ma tressqet l-ebda prova li hemm xi bazi li fuqha l-konvenuti jistghu jargumentaw li ghandhom jigu liberati mill-garanzija. Mill-provi rrizulta li b'rizoluzzjoni ta' Molinair Limited tat-8 ta' Novembru 2005 (fol. 119), gie deciz li l-konjugi Fenech jigu rilaxxati:-

*"from all obligations towards the bank subject that the said Charles Fnech deposit half the amount owed to Bank of Valletta plc by Molinair Limited".*

Dikjarazzjoni li hi ffirmata wkoll minn Juliette Camenzuli.

F'ittra datata 8 ta' Novembru 2005 (fol. 118) il-bank gharraf lill-kumpannija konvenuta li kien awtorizza r-rilaxx tal-konjugi Fenech minn garanti bil-kundizzjoni li tihallas is-somma ta' Lm24,425 fil-kont 16710228014, li hu l-kont tal-overdraft li kellha l-kumpannija. Mir-rendikonti li pprezenta l-bank jirrizulta li fit-28 ta' Novembru 2005 gie depozitata s-somma ta' Lm24,763.49 (fol. 55). Il-konvenut Mario Camenzuli u x-xhud Raymond Pace ikkonfermaw li l-hlas kien sar mill-garanti Fenech.

**<u>Kumulu ta' imghax</u>**.

Il-konvenuta ssosnti li l-Bank attur ghandu jaghti spjegazzjoni ghalfejn ippermetta lil Molinair Limited li thalli zewg konijiet bankarji inattivi u jakkumulaw l-imghax ghal diversi snin. Il-konvenuta ma tat l-ebda hjiel dwar x'seta' ghamel il-bank.

Fil-fehma tal-qorti l-bank attur m'ghandu bzonn jaghti l-ebda spjegazzjoni. Id-dmir li jsir il-hlas kien tal-kumpannija konvenuta. Min-naha taghhom il-garanti kellhom jiehdu hsieb l-interessi taghhom u jizguraw li d-debitur principali jhallas. Jekk riedu li ma jakkumulawx l-imghaxijiet setghu ihallsu d-dejn u jduru fuq il-kumpannija biex jikrupraw dak li jkunu halsu. L-obbligu kien fuq id-debitur principali u l-garanti u mhux fuq il-bank.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet ta' Juliette Camenzuli u tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' tmienja u hamsin elf disa' mija u sitta u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€58,956.86), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2012 sad-data tal-hlas.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------